# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 9**

**Rikors numru 104/19/1 TA**

**Romina Spagnol**

**v.**

**Thomas Spagnol**

1. Din is-sentenza titratta l-appell li l-Avukat tal-Istat ippreżenta fil-5 ta' Frar, 2021 wara s-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 ta' Jannar, 2021 li biha ddikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attriċi imħarsa mill-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u Artikoli 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Bejn il-partijiet hemm kawża ta' separazzjoni pendenti (rikors 202/2014 fl-ismijiet ***Romina Spagnol v. Thomas Spagnol***), fejn waħda mill-kwistjonijiet titratta dwar binhom. B'rikors preżentat fil-25 ta' April, 2019 l-attriċi talbet lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tordna referenza ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni. Fir-rikors ilmentat, fost affarijiet oħra, li kienet ilha minn Settembru 2015 ma jkollha aċċess għal binha minuri. Ilment ieħor kien li ma kinitx ingħatat aċċess għar-rapport tal-Avukat tat-Tfal. Żiedet li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma tat l-ebda raġuni għalfejn ċaħdet it-talbiet ripetuti tagħha sabiex ikollha aċċess għal binha u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan apparti li b'riżultat ta' dawk id-digrieti ġiet maqtugħa minn kull kuntatt ma' binha, bi ksur tal-Art. 32(ċ) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 8 tal-Konvenzjoni. B'digriet mogħti fil-31 ta' Mejju, 2019 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u ddikjarat, *".... ma tqisx tali talba bħala frivola jew vessatorja, tilqa' t-talba u tibgħat l-atti lir-Reġistratur tal-Qorti biex jiġu assenjati lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)"*.

3. B'sentenza tat-28 ta' Jannar, 2021 li dwarha titratta din is-sentenza, l-ewwel Qorti ddeċidiet:

> *"1. Tiddikjara, għar-raġunijiet fuq spjegati, li kien hemm ksur tad-drittijiet tal-esponenti kif imħħarsa mill-artikolu 39(2) u artikoli 6(1) u 8 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament inkwantu jirreferu u limitatament għad-dritt ta' aċċess tal-esponenti għall-minuri Ivor.*

*2. Tordna li r-rapport tal-Avukat tat-tfal jitqiegħd għad-disposizzjoni tal-partijiet u biex għalhekk l-esponenti jkollha aċċess għall-imsemmi rapport.*

*3.Takkorda li jingħata aċċess raġonevoli lill-esponenti għall-imsemmi minuri, li llum għandu 15-il sena, taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li l-Qorti jidhrilha xierqa, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-psikologa fir-rapport tagħha tas-6 ta' Ottubru 2020.*

*Il-Qorti tagħmilha ċara, li hija l-Qorti tal-Familja li fl-aħħar mill-aħħar għandha tiddeċiedi lil min għandha tkun affidata l-kustodja tal-minuri. Din il-Qorti tissottolineja din ir-referenza qed tkun deċiża mingħajr ma qed tinċidi fuq il-poteri tal-Qorti li qed tisma' l-każ sa fejn min mill-partijiet għandu jkollu l-kura u l-kustodja tat-tifel. Dan għandu jsir fl-aħjar fl-interess tiegħu u fid-dawl tar-rapport fuq imsemmi. Il-Qorti tirrakkomanda, li f'dan ir-rigward it-tifel jagħti l-fehma tiegħu qabel mal-Qorti tiddeċiedi fuq dan il-punt.*

*Il-Qorti qed tordna li l-ismijiet tal-partijiet, tat-tifel minuri jew tal-familjari ma jissemmewx fil-media f'każ ta' rapportaġġ.*

*Tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi inserita fl-atti tal-kawża bejn il-partijiet fuq imsemmija.*

*Spejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet".*

4. L-Avukat tal-Istat li ħa sehem attiv fil-proċeduri ta' referenza, b'rikors tal-5 ta' Frar, 2021 appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

5. Thomas Spagnol għalkemm notifikat bir-rikors, għażel li ma jweġibx u ma kienx preżenti għas-seduta tal-24 ta' Mejju, 2021. Romina Spagnol ukoll ma weġbitx għalkemm attendiet għas-seduta quddiem din il-Qorti u saru sottomissjonijiet mid-difensuri li qegħdin jassistuha.

<u>L-ewwel aggravju.</u>

6. L-ewwel aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

> *"Illi ibda biex, ma huwa ċar xejn eżattament x'inhi l-mistoqsija/mistoqsijiet tal-Qorti Referenti fis-sens li d-digriet tal-31 ta' Mejju 2019 fejn inqatgħet it-talba tal-appellata sabiex issir referenza kostituzzjonali ma jispeċifikax eżattament liema hija il-mistoqsija li hija tenuta twieġeb din l-Onorabbli Qorti. Jidher li l-Ewwel Qorti ħadet bħala 'point of reference' r-rikors tal-appellata datat 25 ta' April 2019 fejn f'dak ir-rikors l-appellata fissret x'inhuma l-ilmenti tagħha. Pero' f'dak ir-rikors u wisq inqas fid-digriet tal-3 ta' Mejju 2019 mhemmx mistoqsija dwar x'għandu jkun ir-rimedju f'każ li l-Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali issib ksur tal-jeddijiet invokati u ċioe' dawk kontemplati fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dwar il-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, imħares taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Lanqas ma hemm talba speċifika sabiex l-appellata tingħata aċċess għat-tifel Ivor.*
>
> *Illi għalhekk l-esponenti jisħaq li meta l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-deċide ddikjarat li qiegħda 'Takkorda li jingħata aċċess raġonevoli lill-esponenti għall-imsemmi minuri, li llum għandu 15-il sena, taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li l-Qorti jidhrilha xierqa, fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-psikologa fir-rapport tagħha tas-6 ta' Ottubru 2020 marret ultra petita.*
>
> ........
>
> *Illi applikat dan it-tagħlim għall-każ odjern, l-esponent jirrileva li l-Qorti referenti fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma staqsiet x'għandu jkun ir-rimedju f'każ li l-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) issib li seħħet vjolazzjoni tal-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk l-appellant qed jissottometti li l-Ewwel Qorti kellha twieġeb biss dwar jekk hemmx vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq tar-rikorrenti u mhux li tagħti xi forma ta' rimedju kif fil-fatt għamlet".*

7. L-ilment relatat mad-digriet tal-ewwel Qorti tal-31 ta' Mejju, 2019 li bih laqgħet it-talba tal-attriċi għar-referenza kostituzzjonali, tqajjem biss fl-istadju tal-appell. Fir-risposta li l-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat) ippreżenta quddiem l-ewwel Qorti, ma ngħatatx eċċezzjoni f'dak is-sens. Kieku ried l-Avukat Ġenerali kellu l-opportunita' li quddiem l-ewwel Qorti jitlobha tagħti ordni sabiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tifformola u tibgħat id-domanda li riedet tweġiba għaliha.

8. M'hemmx dubju li d-digriet tal-31 ta' Mejju, 2019 hu xott u ma jinkludix fih il-kwistjoni dwar ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li dwarha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li kien hemm bżonn ta' deċiżjoni dwarha mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla.

9. Madankollu minn qari tar-rikors dettaljat li ppreżentat l-attriċi fil-25 ta' April, 2019 quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hi ċara l-kwistjoni dwar ksur ta' drittijiet fundamentali li qamet quddiem dik il-Qorti, u ċioe':

i. Allegat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' motivazzjoni ta' digrieti u peress li ma kellhiex aċċess għar-rapport tal-Avukat tat-Tfal;

ii. Allegat ksur tal-jedd għall-ħajja tal-familja minħabba li qalet li kienet ilha ma jkollha aċċess għal binha sa minn Settembru 2015. Dan mingħajr il-Qorti kkunsidrat kienx hemm lok li jkun hemm kuntatt mod ieħor bejn l-omm u t-tifel, bħal aċċess taħt superviżjoni.

10. Mid-digriet tal-31 ta' Mejju, 2019 hu evidenti li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet tal-fehma li r-referenza kostituzzjonali kien hemm bżonn li ssir minħabba l-ilmenti li għamlet l-attriċi dwar dak li kienet

qiegħda tallega li wassal għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha matul is-snin fil-kors tal-kawża ***Romina Spagnol v. Thomas Spagnol*** (202/2014). Tant kien ċar għal kulħadd dwar x'hiex kellha tiddeċiedi l-ewwel Qorti li quddiemha ħadd ma lmenta dwar xi nuqqas fid-digriet li tat il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-31 ta' Mejju, 2019.

11. Dwar it-tieni parti tal-aggravju tal-appellant hu minnu li jista' jingħad li l-ewwel Qorti tat rimedju lill-attriċi, meta tikkunsidra li ordnat li:

i. Ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal għandu jitqiegħed għad-disposizzjoni tal-partijiet;

ii. L-attriċi tingħata aċċess għal binha taħt il-kundizzjonijiet li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jidhrilha li huma xierqa.

12. Hu ovvju li wkoll li kieku ma tatx dawk ir-rimedji fil-parti dispożittiva tas-sentenza, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kien ser ikollha tiddeċiedi l-kwistjoni dwar l-aċċess għat-tifel u wkoll dwar l-aċċess għar-rapport tal-Avukat tat-Tfal b'mod li jkun konformi ma' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Fir-realta' paragrafi (2) u (3) tal-parti dispożittiva tas-sentenza m'huma ser ibiddlu xejn, ġialadarba l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-attriċi kienet vittma ta' ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni meta ma ngħatatx aċċess għar-

rapport tal-Avukat tat-Tfal, kif ukoll leżjoni fil-jedd fundamentali mħares bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni meta ma ngħatatx aċċess għal binha. Qiegħed jingħad hekk għaliex kemm il-Kostituzzjoni u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) jagħmluha ċara li *“....... il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni”*.

13. Għalhekk f'din il-proċedura speċjali għalkemm il-Qorti Ċivili, Prim' Awla ma tintalabx biex jingħata rimedju lil xi parti, il-Qorti li tordna r-referenza għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont is-sentenza li tingħata fir-referenza kostituzzjonali. Ovvjament dan sabiex ma jkomplix iseħħ il-ksur tad-dritt fundamentali skont is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla jew ta' din il-Qorti.

14. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ din il-Qorti mhijiex tal-fehma li għandha tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti ġialadarba dak li ordnat l-ewwel Qorti xorta ser ikollu jsir quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) minħabba kif spjegat hawn fuq, l-ewwel Qorti sabet ksur tal-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni.

<u>It-tieni aggravju.</u>

15. Permezz tat-tieni aggravju l-Avukat tal-Istat ilmenta dwar dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti li sabet ksur tal-jedd fundamentali imħares bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Hu rrefera għas-sentenza ta' din il-Qorti ***Kevin Pace v. Avukat Ġenerali et*** tas-27 ta' Jannar 2021 u qal:

> *"Illi l-esponent jagħmel tiegħu dawn il-konsiderazzjonijiet fis-sens li d-dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikolu 8 hija intempestiva ġialadarba l-partijiet ser ikollhom il-possibilita' li jerġgħu jiddibattu l-kwistjoni tal-aċċess quddiem il-Qorti tal-Familja in vista tal-fatt li l-ewwel qorti ddikjarat li hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq".*

16. Fl-ewwel lok quddiem l-ewwel Qorti l-Avukat tal-Istat m'argumentax li l-kwistjoni relatata mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kienet intempestiva (ara tweġiba a fol. 18-19 u nota ta' sottomissjonijiet a fol. 43).

17. Inoltre, kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u wieħed ma jistax jiġġeneralizza.

18. Dwar l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-ewwel Qorti qalet:

> ***"46.*** *Jibda biex jiġi osservat li l-aħħar darba li l-esponenti kellha aċċess għall-minuri kien fit-8 ta' Jannar 2015 (supra). B'digriet li jġib l-istess data, il-Qorti provdiet, li wara li rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal tat-3 ta' Novembru 2016, mingħajr ma għamlet referenza għar-risposta tal-esponenti, ordnat li l-aċċess għall-minuri tal-esponenti jkun sospiż. Il-Qorti tfakkar, li l-esponenti qatt ma kellha aċċess għar-rapport tal-Avukat tat-Tfal (ara supra).*

***47.** Tul kemm ilha għaddejja l-Kawża, l-esponenti baqgħet turi interess fl-imsemmi tifel kemm biex jerġa' jkollha aċċess, talba li ġiet dejjem miċħuda, kemm biex tkun infurmatha bil-progress dwar saħħtu u l-edukazzjoni. Għamlet żewġ talbiet f'dan is-sens li ġew milqugħa. Għamlet ukoll żewġ talbiet sabiex tinħatar Carmen Sammut Psikologa tat-Tfal. L- ewwel waħda ġiet miċħuda u t-tieni waħda ftit taż-żmien wara li ġiet milqugħa.*

***48.** Minkejja dan kollu, f'seduta minnhom u cioe' dik tas-17 ta' Novembru 2020, laqgħet it-talba tal-esponenti biex sakemm jkun deċiż il-punt imsemmi f'dik is-seduta, it-tifel jibqa' jirresjedi mal-omm. Il-Qorti tfakkar li b'effett minn Mejju ta' dik is-Sena it-tifel li kien ħarab mingħand missieru, mar joqgħod effettivament mal-esponenti. Oħroġ il-għaġeb, fl-istess seduta ġie revokat l-ordni wara li reġgħu deheru l-partijiet!*

***49.** Mill-istorja, pjuttost irregolari, safejn jirrigwarda l-aċċess u kustodja tat-tifel minuri, jemerġi li għal ben kważi ħames snin 'l omm ma kellhiex aċċess għalih. Fl-aħħar tal-Kawża, kellu jkun ir-rapport tal-psikologa tat- tfal li jirrileva, li ż-żewġ ġenituri għandhom bżonn l-għajnuna biex irabbu. Di fatti, il-psigoloka tat-tfal, tikkummenta hekk fil-konklużjoni tar-rapport tagħha:*

> *"X'hemm wiehed xi ghid izjed bhala konkluzjoni fuq dan il-kaz daqshekk difficli? B'dispjacir nghid li jidher li ma hemmx fejn tista' taghmel ghazla bejn iz-zewg genituri ghax it-tnejn ma ghandhomx xi ghodda, li mhux distrutivi, biex joffru dak li ghandu bzonn EF, specjalment f'dan iz-zmien challenging ta' l-addoloxxenza. U nghid li b'dispjacir ghax nemmen li t-tnejn qed jaghmlu li jistghu, anke jekk hemm sfond ta' pika li mhux qed jaghmel is-sitwazzjoni facli zgur".*

***50.** B'dana kollu l-Qorti tinnota wkoll li, li għalkemm hija ix-xewqa tal-minuri li jmur mal-esponenti, dan ma għandux isir peress, li skont il-psikologa, ma hiex kapaċi toffri sens ta' gwida lil binha, f'dan iż-żmien tant mimli bi sfidi, kemm għalih u kif ukoll għall-ġenituri. Iżda għandu wkoll ikun osservat, li f'dan ir-rapport, ma hemm xejn li jeskludi aċċess. L-espert irrelatat biss "ma' min ghandu ghix il-minuri".*

***51.** Fi ftit kliem, ir-rapport ma jindirizzax il-kwistjoni ta' aċċess. Din il-Qorti hija konvinta li li kieku kien hemm problema f'dan ir-rigward ċertissimu li l-psikologa kienet żgur tissollevaha. L-espert tgħid, li ż-żewġ ġenituri qegħdin jagħmlu li jistgħu, anke jekk fl-injoranza tagħhom, dejjem f'sens tekniku ta' "parental skills", huma defiċjenti. L-anqas ma tista' din il-Qorti teskludi li dan japplika aktar għall-omm milli l-missier.*

***52.** Imma f'din is-sitwazzjoni pjetuża għall-partijiet kollha, għalkemm tassew tesisti pika bejn il-ġenituri, din ma hiex raġuni daqstant impellenti, li de minimo ma kellhiex ikollha xi xorta ta' aċċess għat-tifel għal kważi ben 5 snin. Il-legami tal-familjari kollha mat-tifel, sabiex ikollu kemm jista' jkun ħajja eqreb lejn dik normali bħal tfal oħra, ma huwiex biss dritt tal-ġenitur, iżda kif diġa' aċċennat aktar 'l fuq skond id-duttrina*

*anglosassona, huwa ukoll dritt tal-minuri. (ara* ***Deċiżjoni tal-Appell Superjuri tal-14 ta' Diċembru 2018 fl-ismijiet Joseph Micallef f'ismu propju u bħala kuratur 'ad litem' tal-minuri Jay Jay Micallef v. Lesya Micallef nee' Grinishina****). Hija sfortuna, li fil-stragran parti ta' dawn il-Kawżi, din ix-xorta ta' pika u attrit bejn il-ġenituri kważi tesisti dejjem għalkemm fi gradi u livelli differenti. Imma l-grad ta' attrit u pika, ma għandux ikun raġuni tajba li jkun tronkat totalment l-aċċess totalment anke l-aċċess bil-possibilita' ta' preġudizzju għad-drittijiet tal-minuri.*

*..................*

***54.*** *Il-Qorti hija tal-fehma, li jesistu istanzi, fejn il-Ġudikant ma jistax' jitfa' kwistjonijiet bħal dawn f'ħoġor l-esperti biss. Ai fini ta' provvedimenti pendente lite u anke biex tiddeċiedi finalment, ikun utli li l-Qorti tisma' wkoll hi direttament. Għalkemm rapport ta' esperti għandhom valur kbir, ma hemm xejn xi jżomm lil din il-Qorti in foro coscientiae li tasal li ma taqbilx mal-konklużjonijiet jew tħoss li għandha taddottahom b'ċertu modifiki jew riservi. Il-Qorti tfakkar li fl-2019 l-esponenti talbet li l-Qorti tismagħha iżda ċaħditilha t-talba (a' fol 502 AL).*

***55.*** *Kif diġa' osservat din il-Qorti, l-esponenti kważi damet ħames snin milli jkollha imqar aċċess. Minn dak iż-żmien 'l hawn, it-tifel illum għandu 15-il sena dieħel għal sittax f'Diċembru ta' din is-sena. Minn dak li fehmet din il-Qorti, issa saħansitra għandu tfajla. Għal darba oħra, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid għal dewmien fuq kwistjonijiet bħal dawn:*

> *"In cases concerning a parent's relationship with his or her child, there is a duty to exercise exceptional diligence in view of the risk that the passage of time may result in a de facto determination of the matter. This duty, which is decisive in assessing whether a case has been heard within a reasonable time as required by Article 6 § 1 of the Convention, also forms part of the procedural requirements implicit in Article 8"* **(Ribić v. Croatia, § 92).**

***56.*** *Din il-Qorti għandha x'iżżid ma dan it-tagħlim. Dewmien ma jfissirx li l-Qorti ddum fuq kwistjoni partikulari. Dewmien ifisser ukoll, meta fuq l- istess kwistjoni f'okkażjonijiet varji, il-Qorti tibqa' dejjem tiddeċiedi l-istess frott tal-fatt, li persuna ma tkunx ingħatat smiegħ xieraq jew ma tkunx ingħatat smiegħ li jixraq. Issa dwar dan il-punt ta' smiegħ xieraq din il-Qorti diġa' osservat li hemm ksur ta' dan id-dritt. Kif tispjega is-Sentenza appena ċitata, il-ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, inkwantu jirrigwarda smiegħ il- fattur ta' żmien raġjonevoli, jista' jwassal għall-ksur tal-artikolu 8 tal- Konvenzjoni. Hekk ġara f'dan il-każ.*

***57.*** *Għalhekk din il-Qorti ser issib li kien hemm ksur, anke fir-rigward tad-dritt fundamentali kif imħares minn artikolu 8 tal-Konvenzjoni b'konsegwenza li l-esponenti ma ingħatatx aċċess għat-tifel minuri EF għar-raġunijiet kollha fuq spjegati".*

19. Irriżulta kif l-attriċi kien ilha ma jkollha aċċess għal binha għal kważi ħames snin, sakemm f'Lulju 2020 it-tifel mar jgħix mal-attriċi. It-tifel illum għandu ħmistax-il sena u l-kawża ***Romina Spagnol v. Thomas Spagnol*** (202/2014) waslet biex tintemm quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tant li tinsab differita għas-sentenza.

20. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta quddiem l-ewwel Qorti, l-Avukat tal-Istat argumenta:

> *"Sewwasew fil-każ li għandna quddiemna, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kellha kull dmir li tordna li t-tifel ma jkunx espost għal ommu ġialadarba jirriżulta li r-rikorrenti abbandunat lit-tiffel u ma tagħtu l-ebda manteniment. Huwa ovvju li d-deċiżjoni tal-Qorti ma kinitx waħda kappriċċjuża intiża biss biex toħloq ħsara bejn l-omm u l-iben iżda hemm raġunijiet gravi u serji biex Qorti tieħu deċiżjoni tant drastika li ma tħallix l-omm tara lil binha. Ir-raġunijiet isemmihom il-missier fix-xhieda tiegħu meta xehed quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn qal .......".*

21. Pero' ma jirriżultax li quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sar xi eżerċizzju biex jiġi determinat jekk l-ordni ta' sospensjoni ta' aċċess għandhiex tibqa' fis-seħħ għal dak iż-żmien kollu jew x'jista' jsir biex ikun hemm xi forma ta' kuntatt bejn l-attriċi u t-tifel. Dan apparti li dik il-Qorti fid-digrieti varji li tat qatt ma tat raġunijiet ċari għalfejn l-attriċi m'għandhiex tara lil binha jew ikollha xi tip ta' kuntatt miegħu. Fatt li dam mhux għal żmien qasir imma għal snin sħaħ.

22. Inoltre, hu evidenti li matul dawk is-snin kollha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) m'għamlet xejn sabiex tassigura li l-omm ikollha xi forma ta' kuntatt ma' binha jew kien għad hemm lok li l-ordni ta' sospensjoni ta' aċċess tibqa' fis-seħħ. Dan minkejja t-tentattivi ripetuti tal-attriċi sabiex tingħata aċċess għal binha. L-ewwel Qorti tat rendikont sħiħ tal-ħafna rikorsi li l-attriċi ppreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), u li ġew ripetutament miċħuda mingħajr ebda motivazzjoni (ara fol. 11 sa 15 tas-sentenza appellata). Dan m'għandux ikun. Saħansitra l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċaħdet ukoll rikors tal-attriċi biex tinstema' u tgħid għalfejn għandha tingħata aċċess għal binha. B'digriet tas-26 ta' Marzu, 2019 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi, *"għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta"* mingħajr ma qalet x'kienu dawk ir-raġunijiet. Ir-rifjut tal-Qorti li tisma' lill-attriċi f'materja tant sensittiva kompla biex iwassal sabiex ikompli jikber id-distakk bejn l-omm u binha. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, f'materja bħal din kien essenzjali li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tisma' personalment lill-partijiet. Li hu evidenti hu li f'dan il-każ dik il-Qorti naqset milli tkun pro-attiva f'materja li kienet ta' interess għall-minuri, u dak l-atteġġjament serva sabiex ikompli jikber id-distakk bejn l-omm u binha. Il-konsegwenza kienet li għal snin intilef kull kuntatt bejn il-ġenitur u l-wild, sakemm f'Lulju 2020 it-tifel mar jgħix m'ommu. Importanti wkoll hu li f'kwistjonijiet ta' din ix-xorta l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tkun ħafifa u ma tħallix is-snin jgħaddu. It-trapass ta' żmien bla bżonn jaf ikollu

konsegwenzi xejn sbieħ fir-relazzjoni bejn ġenitur u l-wild. M'hemmx prova waħda li tista' tikkonvinċi Qorti li kien fl-interess suprem tal-minuri li ma jkollux kuntatt ma' ommu, u dan minħabba xi ċirkostanza eċċezzjonali li setgħet tiġġustifika miżura radikali bħal dik. Il-pożizzjoni estrema li ħadet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) wara d-digriet li bih issospendiet l-aċċess tal-omm u li baqa' fis-seħħ għal żmien twil mingħajr il-Qorti ma rat x'jista' jsir ġialadarba kien evidenti li l-attriċi ried li jkollha kuntatt ma' binha, wasslet sabiex jinqata' kull tip ta' kuntatt u ħajja ta' familja bejn l-omm u binha.

23. Il-Qorti tosserva wkoll nuqqas ta' konsistenza f'digrieti li ngħataw mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li jolqtu l-kwistjoni dwar l-aċċess tal-attriċi għal binha. Hekk per eżempju fis-17 ta' Novembru, 2017 u 15 ta' Jannar, 2019 l-attriċi ppreżentat rikorsi li bihom talbet sabiex jinħatar espert biex jagħti parir dwar x'jista' jsir biex l-attriċi jkollha relazzjoni ma binha. Talbiet li ġew miċħuda, *"għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta"* mingħajr ma qalet x'kienu r-raġunijiet. Digrieti li komplew joħolqu diffikultajiet u ostakoli bla bżonn sabiex tinstab soluzzjoni għal sitwazzjoni xejn feliċi fejn ġenitur kienet maqtugħa kompletament minn binha u mingħajr ma taf għalfejn. Sabiex imbagħad dik l-istess Qorti wara rikors tat-18 ta' Ġunju, 2019 tal-attriċi ħatret lil Carmen Sammut, *child psychologis*t, sabiex tħejji rapport fejn tagħti l-fehma tagħha dwar x'hemm bżonn isir sabiex jerġa' jkun hemm relazzjoni bejn l-omm u binha. L-

ordnijiet opposti juru nuqqas ta' konsistenza da parti tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li kompla ħoloq ostakoli bla bżonn sabiex l-attriċi jkollha aċċess għal binha.

24. Mill-atti ma jirriżultax li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) qatt tat ġustifikazzjoni għalfejn l-attriċi m'għandhiex ikollha aċċess għal binha. Miżura drastika li m'għandha qatt tittieħed b'mod leġġer. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva wkoll kif fis-seduta tal-24 ta' Frar, 2020 il-konvenut xehed quddiem l-ewwel Qorti li ma kellux oġġezzjoni li l-attriċi tara lil binhom. Pożizzjoni li tikkontrasta sew ma dak li kien qiegħed jiġri qabel.

25. Li hu stramb ukoll hu kif il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) wara dawk is-snin kollha li l-attriċi kienet imċaħħda milli jkollha aċċess għal binha, fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2020 awtorizzat li proviżorjament it-tifel jgħix mal-attriċi sakemm jingħata provvediment dwar rikors li kienet ippreżentat l-attriċi stess.[1] Deċiżjoni li wkoll mad-daqqa ta' għajn tidher inkompatibbli mal-pożizzjoni iebsa li ħadet l-istess Qorti li tissospendi l-aċċess tal-attriċi għal binha. Miżura li ma jirriżultax li ġiet revokata wara dawk is-snin kollha. Ċirkostanza oħra li tkompli turi nuqqas ta' konsistenza min-naħa tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

[1] F'dik l-istess seduta l-qorti ħassret dik l-ordni wara li d-difensur tal-konvenut oġġezzjonat minħabba l-fatt li kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors tal-attriċi. Madankollu l-qorti fehmet li t-tifel xorta baqa' jgħix mal-attriċi.

26. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti mingħajr eżitazzjoni tikkonkludi li l-ewwel Qorti altru milli kellha quddiemha biżżejjed provi sabiex tikkonkludi li f'dan il-każ partikolari seħħ ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-Avukat tal-Istat.

Kopja ta' din is-sentenza għandha titpoġġa mir-Reġistratur fil-proċess tal-kawża ***Romina Spagnol v. Thomas Spagnol*** (202/2014).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da